MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 1070/2006

**Margaret Brincat**

**vs**

**RMF Publishing & Surveys Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li ppremettiet illi hija kienet tahdem mas-socjeta' konvenuta, u oltre l-paga kienet tithallas *commissions* ghall-bejgh ta' servizz li taghti s-socjeta' konvenuta. Ippremettiet ukoll illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-attrici fis-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€885.16). Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas is-somma minnha dovuta, izda baqghet inadempjenti, l-attrici tablet ghalhekk, li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€885.16),

rapprezentanti *commissions* dovuti lill-attrici. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Ottubru, 2006.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi l-ammont ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), u cioe' ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€885.16) kif mitlub mill-attrici m'huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta.

2. Illi x-xoghol li kellu jsir mill-attrici sar hazin bir-rizultat li s-socjeta' konvenuta ma setghetx tigbor l-ammonti dovuti lilha minn numru ta' klijenti li lilhom gew prestati s-servizzi li taghhom l-attrici qiedgha tippretendi li tithallas *commission*.

3. Illi bi ftehim mal-attrici l-*commissions* ghax-xhur ta' bejn Lulju, 2006 u Dicembru, 2006 kellhom jintuzaw sabiex jissodisfaw il-hlas ta' bilanc dovut lis-socjeta' konvenuta ghal servizzi rezi li taghhom ma sarx hlas kawza ta' xoghol hazin li sar mill-attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Ra x-xhieda tal-attrici li tghid li ghamlet zmien tahdem bhala *Sales Manager* mas-socjeta' konvenuta u kellha paga, u kienet ukoll tircievi *commission* ta' sebgha fil-mija (7%), pero' imbaghad jekk kienet ser titlaq mill-impjieg taghha kellha tithallas *commission* bit-tlieta punt hamsa fil-mija (3.5%).

Fil-fatt, tghid li kienet waqfet tahdem mas-socjeta' konvenuta ghal habta tat-3 ta' Marzu, 2006 u dan wara li d-Direttur kien talabha tieqaf, peress li s-socjeta' kienet sejra lura u mbaghad kien offrilha li tibqa' tahdem maghhom izda tidher bhala *self-employed* u kienet irrifjutat.

Tispjega li s-socjeta' konvenuta trid taghtiha s-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), illum ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€885.16), u ghal bidu d-Direttur Patrick Rausi kien ihallasha kull xahar u hi kienet tibghat l-*istatements* regolarment mid-data li kien itterminalha l-impjieg taghha. Eventwalment dawn il-pagamenti waqfu u kien inkariga lil certu Victoria Galea, li kienet infurmatha li sakemm tigbor il-pagamenti li kienu ghadhom dovuti minn klijenta ohra, ma kienx ser ikompli ihallasha.

L-ammont ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), u cioe' illum ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€885.16), jikkonsistu f'parti mill-ammont dovut minn din il-klijenta, kif ukoll ammont dovut mis-socjeta' konvenuta. Minhabba li din il-klijenta ma kienitx hallset, id-Direttur Patrick Rausi ippretenda li kellha tkompli tigri wara l-klijent, li kien JMC Real Estate, izda hi ma kellhiex hin ghaliex kienet sabet impjieg gdid. Tghid ukoll illi xorta wahda kienet cemplet lil JMC Real Estate u kienu infurmawha li kienu ser ihallsu l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300), u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmi (€698.81), u Victoria Galea ma kellhiex ghalfejn iccempel kuljum. Per konsegwenza, bdew jaqtghulha dan l-ammont mill-*commission* li kien dovut lilha, li sa dak iz-zmien kellu jithallas bit-tlieta punt hamsa fil-mija (3.5%).

Ra x-xhieda ta' Letizia Scicluna, li hija Direttrici tas-socjeta' JMC Real Estates, u tispjega illi hi kienet tordna reklamar tas-socjeta' fit-Teledeal u din l-ordni kienet issir tramite l-attrici u kienet tiffirma d-dokumentazzjoni relattiva u gieli kienu jikkomunikaw bil-*faxes* u kienu jiffirmawhom.

Ix-xhud tispjega li qatt ma kellha problemi, kemm mal-attrici kif ukoll mas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk meta rceviet telefonata mis-socjeta' konvenuta biex thallas xi kont pendenti, kienet talbithom biex jipproducu xi *statements* li kienu jindikaw li kien ghad hemm xi bilanc dovut, ghaliex altrimenti ma kienitx disposta li thallas.

Ra x-xhieda ta’ Patrick Rausi, in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta. Jispjega li l-attrici kienet impjegata maghhom bhala *Sales Executive* u mbaghad bhala *Manageress*. Xogholha kien jikkonsisti f’li tbiegh reklamar ghall-pubblikazzjonijiet taghhom. Jekk kienet tasal biex tiffirma kuntratt mal-klijent, u jirnexxielha tigbor l-pagament kienet intitolata ghal *commission* fuq il-flus li ikun irnexxielha tigbor.

Ukoll, ighid li l-impjieg taghha kien gie terminat minhabba li giet *redundant*, izda kien offrielha li tibqa’ tahdem fuq *commission* biss, izda kienet irrifjutat.
Jispjega li kien ghad hemm xi *commissions* li kienu ghadhom dovuti lill-attrici, izda gara li kien hemm xi klijenti li bdew jinsistu li ma kellhomx ghalfejn ihallsu ghaliex ma kienux iffirmaw l-kuntratt. Kien ghalhekk li rrizulta li l-attrici kienet qed tiffirma l-kuntratti personalment, taghmel ir-reklamar, minghajr il-firma tal-klijent u mbaghad tibghat l-*invoice*.

Meta ikkonfrontawha kienet ammettiet li kienet qed taghmel hekk, u kien gie deciz li jitnaqqsilha l-*commissions* li kienu dovuti, meta l-klijenti ma kienux hallsu billi inaqqsu l-ammont dovut mill-klijenti mill-*commissions* taghha.

Rausi jghid ukoll illi r-reklamar isir bil-kliem u fil-kaz ta’ JMC Real Estate ikun hemm deskrizzjoni tal-proprjeta’. Id-deskrizzjoni trid tigi mill-klijent, sakemm ma jkunx diga’ sar ftehim, li jkun hemm ripetizzjoni tal-istess reklam. Generalment, ighid li din l-informazzjoni tinzamm mir-rapprezentant tieghu li jkun inkarigat u jzomm il-*classified advert*.

Jista’ jaghti l-kaz ukoll illi r-reklam ikun dahal fis-sistema awtomatika u ghalhekk ma jzommux ir-reklam.

Ighid li ma setax jikkonferma jekk is-socjeta’ JMC Ltd kienitx ghamlet xi pagamenti fil-kont tas-socjeta’.

Jikkonferma li kien ra xi kuntratti li kienu ffirmati mill-attrici biss u mhux mill-klijent, u li sar r-reklamar fil-gazzetta peress li l-istess kuntratt kien jawtorizza dan.

Ra x-xhieda ta’ Alison Camilleri li tahdem mas-socjeta’ konvenuta u tiehu hsieb in parti mill-amministrazzjoni u in parti mill-*accounts*. Tghid li kien hemm kont pendenti tas-socjeta’ JMC Real Estate Ltd. Tikkonferma li s-socjeta’ kienet zammet tlett mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm317.66), ekwivalenti ghal seba’ mija u disgha u tletin Euro u hamsa u disghin centezmi (€739.95), izda pero’ kienet ghaddietilha wkoll il-*commissions* li kienu kollha dovuti lilha.

Ra x-xhieda ta’ Victoria Galea li damet madwar tlett (3) snin tahdem mas-socjeta’ konvenuta. Tghid li kienet tahdem ukoll fid-*debt collecting* tas-socjeta’, pero’ kienet limitata ghall-klijenta taghha biss.

Kienet telqet ghal sena u regghet irtritornat u f’dak il-perjodu l-attrici kienet ser titlaq mill-impjieg taghha mas-socjeta’ konvenuta. F’dak iz-zmien kellha tiehu hsieb mhux biss il-krediti taghha, izda ta’ ohrajn

Meta dahlet tahdem hemm, l-attrici kienet imqabbda tara x’debiti kien hemm pendenti sa mill-bidu li twaqqfet il-kumpanija.

Meta dahlet tahdem it-tieni (2) darba tiftakar li kien hemm kumpanija li kienet tinnegozja bil-bini u kienet thabbatha sabiex tigbor il-flus.

Sabet ukoll li kien hemm diversi kuntratti mas-socjeta’ JMC Real Estate Ltd. li ma kellhomx il-firem kollha mehtiega.

Ix-xhud tikkonferma wkoll li kienet tkellmet ma’ certu Letizia, li kienet tahdem mas-socjeta’ JMC Real Estate Ltd., u ghal bidu din kienet tikkoopera, pero’ imbaghad kienet ikkomunikat maghha u kienet qaltilha li kienet mghaggla.

Dwar il-firem nieqsin, ix-xhud tghid li qatt ma kienet tkellmet ma' din Letizia dwarhom, izda kienet tkellmet ma' certa Margaret.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-attrici qiedgha titlob l-ammont ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), u cioe' illum ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmi (€885.16), u dan minhabba li kienet giet *redundan*t u kien ghad fadalha tiehu l-*commission* mix-xoghol li kienet taghmel, u cioe' tbiegh ir-reklamar fuq il-pubblikazzjoni tas-socjeta' konvenuta Teledeal.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li l-ammont pretiz m'huwiex dovut u dan principalment minhabba li l-attrici ma kienitx ghamlet xogholha tajjeb bir-rizultat li ma setghetx tigbor l-pagamenti minghand l-klijenti, u per konsegwenza ma kienitx intitolata ghall-*commission*.

Mil-fattispeci tal-kaz, irrizulta li bejn l-attrici u s-socjeta' konvenuta kien hemm ftehim li hi tbiegh r-reklamar, twassal lill-klijenti sabiex jiffirmaw kuntratt, imbaghad tibghat l-*invoice* ghall-pagament u fuq kull pagament li kienet tigbor, l-attrici kienet intitolata ghall-*commission* bis-sebgha fil-mija (7%).

Ghalhekk, il-*commission* kienet intiza bhala rigal ta' flus lill-attrici fuq l-ammonti ta' flus li kien jirnexxielha tigbor minghand il-klijenti.

Id-Direttur tas-socjeta' konvenuta, Patrick Rausi jinsisti li l-attrici kienet bdiet tiffirma l-kuntratti wahedha u tibghat l-*invoices,* u ghalhekk xi klijenti bdew jinsistu li ma riedux jaghmlu pagamenti, peress li ma kienu ffirmaw ebda kuntratt ghar-reklamar. Jista' jaghti l-kaz li kien hemm ftehim li r-reklamar kellu jsir ripetutament u ghalhekk ta' dan jinzamm *record* mis-*salesperson*.

Dawn kienu n-nuqqasijiet tal-attrici. Letizia Scicluna, Direttur tas-socjeta’ JMC Real Estate Ltd, tghid li hi kienet tinnegozja mal-attrici u kienet tiffirma l-kuntratti, jew alternattivament kienu jibghatu *faxes* u jiffirmawha b’dan il-mod. Izzid ukoll li ma kellha l-ebda problemi kemm mal-attrici, kif ukoll mas-socjeta’ konvenuta. Madanakollu, tinsisti li ma kellhomx pagamenti x’jaghmlu.

Is-socjeta’ konvenuta pproduciet diversi kuntratti bejn l-attrici ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta, mas-socjeta’ JMC Real Estate Limited u ma jirrizultax li kien hemm il-firma ta’ xi rapprezentant tas-socjeta’. Kien hemm kuntratt wiehed (1) fejn fuqha kien hemm nota li kellhom jikkomunikaw permezz ta’ *fax*. Madanakollu, Letizia Scicluna ma semmietx li ma kienitx iffirmat xi kuntratti, tinsisti biss li ma kellhiex debiti mas-socjeta’ konvenuta, fatt li huwa kontradett mill-attrici stess li tammetti li kien hemm xi ammont dovut mis-socjeta’ JMC Real Estate Ltd. Iis-socjeta’ konvenuta, anzi tindika li dan l-ammont kien ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed tmenin centezmu (€698.81), anzi tmur oltre u tghid li kienet tkellmet ma’ Letizia Scicluna li kienet wieghditha li kienet ser thallas.

Jista’ jaghti l-kaz li kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-attrici u gew esebiti diversi kuntratti li ma kienux iffirmati miz-zewg partijiet, izda limitatament mill-attrici. Pero’ apparti minn hekk, is-socjeta’ konvenuta semmiet xi debiti ohra, izda qatt ma ndikat x’inhuma u jekk kienitx qed issir kontestazzjoni mill-klijenti dwar il-pagamenti. L-enfazi saret biss fuq JMC Real Estate, donnha kienet biss l-unika debitrici tas-socjeta’ konvenuta.

Ma’ JMC Real Estate Ltd, x’kien il-ftehim mal-attrici ma jinkwadrax sew, izda Patrick Rausi, in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta, ma jeskludix il-fatt li seta’ kien hemm ftehim li r-reklamar isir ripetutament u ghalhekk ma kienx necessarju li jiffirmaw kull darba.

Jibqa’ l-fatt pero’ li l-attrici tikkonferma li kien hemm ammont dovut mis-socjeta’ JMC Real Estate Ltd., li l-

istess socjeta’ tghid li ma kienx dovut pero’ ma ssemmiex xi nuqqas da parti tal-attrici.

Ghalhekk minhabba nuqqas ta’ provi, it-Tribunal qed tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

L-ewwel eccezzjoni hija ukoll relatata mat-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta li tinsisti li kellha tnaqqas il-*commissions* dovuti lill-attrici ghall-perjodu bejn Lulju, 2006 u Dicembru, 2006, u dan minhabba li klijenta ma riedux ihallsu minhabba x-xoghol hazin tal-attrici u dan kollu sar bi ftehim mal-attrici.
L-attrici gabet provi permezz ta’ prospett li l-ammont ta’ *commissions* li kellha tiehu sat-3 ta’ Marzu, 2006, meta gie itterminat l-impjieg taghha, kien jammonta ghal hames mija u sitta u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm566.20), ekwivalenti ghal elf, tlett mija u tmintax-il Euro u disgha u tmenin centezmi (€1,318.89). Kienu tawha pagamenti fl-ammont ta’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm185.96), ekwivalenti ghal erba’ mija u tlieta u tletin Euro u sbatax-il centezmi (€433.17), u ghalhekk qed titlob il-bilanc ta’ tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), illum ekwivalenti ghal-tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmi (€885.16).

L-attrici pproduciet diversi dokumenti li jindikaw il-bilanc li kien dovut lilha fuq il-*commissions* u l-ammont li kien qed jinqata’ regolarment bejn Lulju, 2006 u Dicembru, 2006. Jirrizulta li kien hemm diskrepanza fil-bilanc li kien ghadu dovut sa’ Lulju, 2006, ghaliex dak ta’ Lulju, 2006 jindika tlett mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u sittin lira Maltin (Lm317.66), ekwivalewnti ghal seba’ mija u disgha u tletin Euro u hamsa u disghin centezmu (€739.95). Ghalhekk id-diskrepanza hija ta’ tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380), illum ekwivalenti ghal-tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sittax-il centezmu (€885.16), tlett mija u sbatax-il lira Maltin u sitta u sittin lira Maltin (Lm317.66), li llum huma ekwivalenti ghal seba’ mija u disgha u tletin Euro u hamsa u disghin centezmu (€739.95), li flimkien iwasslu ghal total ta’ tlieta u sittin lira Maltin (Lm63) u cioe’ ekwivalenti ghal mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u disghin centezmi (€146.75).

Li kienet qed ssir tpacija da parti tas-socjeta' konvenuta m'huwiex fatt li gie kkontestat mill-attrici, anzi pjuttost esebit d-dokumenti hi stess fejn hemm miktub li kien hemm ftehim verbali li kellha ssir din it-tpacija.

A *prescindere* minn dan kollu, setghet is-socjeta' kovenuta tasal biex tnehhi dan l-ammonti mill-*commission* li kienet dovuta lill-attrici. L-attrici kienet intitolata ghall-*commission* kull darba li kienet gabret il-flus, u peress li l-impjieg taghha kien gie terminat kien ghad hemm xi pagamenti li kellhom jingabru u fuqhom kellha tithallas il-*commission*, izda rrizulta li kien hemm insistenza da parti tas-socjeta JMC Real Estate Limited li ma rieditx thallas.

Is-socjeta' konvenuta insistiet li dan sehh peress li l-attrici kienet baghtet *invoice* meta lanqas biss kienu ffirrmaw il-kuntatt ta' reklamar, u ghalhekk minhabba dan in-nuqqas tal-attrici, kellha tbati dan id-debitu hi stess.

L-attrici tirrikonoxxi li kien ghad hemm dan id-debitu pendenti, anke jekk kien hemm xi zball da parti taghha jew le, izda tinsisti li kien ghad hemm *commissions* ohra dovuti. Huwa minnu ukoll illi ammont dovut minn JMC Real Estate kien ta' tlett mitt lira (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmi (€698.81), u dan ukoll gie kkonfermat mid-dokument 'MB 2' li gie esebit, fejn hemm indikat kif saret it-tpacija.

Dwar l-allegazzjoni li sar xoghol hazin da parti tal-attrici, u ghalhekk ma kellhiex dritt li tihallas ghal dan ix-xoghol, it-Tribunal josserva li anke l-istess rapprezentanti tas-socjeta' JMC Real Estate stqarrew li qatt ma kellhom problema mal-attrici u kienu sorprizi meta gew mitluba sabiex ihallsu d-debitu esistenti.

Madanakollu, l-attrici kif ukoll is-socjeta' konvenuta jikkonfermaw li kien hemm debitu dovut u dak li ghandu jigi stabbilit minn dan it-Tribunal huwa jekk oltre minn dan

id-debitu kienx hemm ohrajn. Ma gewx esebiti jew indkati xi klijenta tas-socjeta konvenuta li kkonfermaw li ma kellhomx debiti u jekk kien hemm irrizultaw mix-xoghol hazin ta’l-attrici.

Ghaldaqstant, minhabba dan in-nuqqas ta’ provi, it-Tribunal ghandu diskrepanza ta’ tlieta u sittin liri Maltin (Lm63), mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€146.75) li qedghin jintalbu mill-attrici, u peress li s-socjeta’ konvenuta ma gabitx provi daqshekk konkreti dwar l-allegat xoghol hazin ta’ l-attrici, ser tghaddi biex tikkonferma dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici in parte billi tordna ls-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici l-ammont ta’ tlieta u sittin lira Maltin (Lm63), ekwivalenti ghal mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€146.75), bhala *commissions* dovuti lilha minhabba s-servizzi resi lejn s-socjeta’ konvenuta.

Spejjes jigu sopportati bejn il-partijiet skond ir-rebh u telf rispettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------